KLR 38/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2016 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli u Anthony Briffa u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone.

**1.** Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

Fil-presenza ta' diversi residenti f''The Duke' ta' Triq l-10 ta' Ġunju, s-Sindku talab li tiġi diskussa l-*item* tal-iskola primarja ġdida fir-Rabat Għawdex. Il-membri qablu.

**2. Skola Primarja u żona li fiha għandha ssir**

Is-Sindku qal li sar jaf bil-ħsieb tal-Gvern Ċentrali li jibdel l-*area* tal-grawnd Leli Farruġia fi skola primarja ġdida, minħabba l-fatt li hu l-President ta' *Gozo Football Association* (GFA) meta kien waqt laqgħa ta' din l-assoċċjazzjoni. Bħala Sinkdu tenna li talab lill-Minsitru tal-Edukazzjoni, dettalji rigward il-proġett fosthom xi pjanijiet hemm u ġewx studjati siti alternattivi. Il-Ministru tal-Edukazzjoni għandu jgħarraf lill-Kunsill b'kull żvilupp pero' s'issa l-Kunsill m'għandu ebda' dettall ieħor. Is-Sindku tenna li l-Kunsill dejjem prova jsalva l-ftit spazji miftuħa li hawn fir-Rabat u l-Kunsill għandu jara li dan is-sit jibqa' mhux mittiefes. Ikkonkluda li l-Kunsill għandu jitlob b'mod uffiċċjali d-dettalji tal-proġett propost u wara l-Kunsill jiddikjara l-posizzjoni tiegħu fir-rigward.

Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill konxju tal-bżonn ta' skola primarja ġidia u aktar moderna fir-Rabat, dan anke' minħabba l-fatt li l-popolazzjoni tal-istudenti żdiedet peress li fiha jattendu diversi tfal li jgħixu fl-irħula u mhux fir-Rabat. Wieħed għandu jikkunsidra wkoll li bosta skejjel fl-irħula għandhom numru żgħir ta' studenti. Tenna li l-Kunsill għandu jissalvagrawdja l-ispazji miftuħa ta' Beltna.

Il-kunsillier Debrincat qal li l-Kunsill għandu l-ewwel jara u jevalwa l-pjanti tal-proġett u wara jieħu l-posizzjoni tiegħu. Issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministri konċernati sabiex il-Kunsill ikun infurmat biżżejjed minn qabel.

Il-kunsilliera Portelli qalet li l-Kunsill għandu l-ewwel jara l-proġett x'jinvolvi u għandu dritt għall-informazzjoni kollha.

Is-Sindku qal li jekk il-membri tal-Kunsill jaqblu, jinstemgħu il-veduti tar-residenti li attendew din il-laqgħa. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

Fost l-ilmenti u s-suġġerimenti li tressqu mir-residenti kien hemm dawn:-

- il-ħsara li tista' ssir lis-siġar tal-*Villa Rundle* bil-bini li jkun ser isir;
- l-iskola tista' tinbena fil-parti li mhix tintuża mill-iskola sekondarja tas-subien fejn maġenbha saret triq apposta li minnha jkunu jistgħu joħorġu l-istudenti mingħajr periklu tat-traffiku. Ta' minn jinnota li parti minn din il-binja ingħatat lill-*Heritage Malta;*
- bl-iskola mibnija f'post ieħor fir-Rabat ser tiżdied il-konġestjoni tat-traffiku billi ser jinħoloq post ieħor fejn taqa' massa ta' vetturi fil-ħinijiet tal-bidu u l-egħleuq tal-iskola;
- fil-Pjan Lokali dan is-sit hu mmarkat bħala *open & re-creational area* u minn dan joħroġ li lit-tfal irridu nedukawhom jissalvagwardjaw l-ambjent u mhux x'ħin ikun hemm il-bżonn nisfruttaw dawn l-ispazji miftuħa;
- l-iskola sekondarja tal-bniet ukoll tista' tkun is-sit alternattiv tal-iskola primarja l-ġdida peress li din qed tiġi *phased out* u l-istudenti qed jiġu trasferiti f'parti oħra biswita li hi ġdida.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ser iwassal dan lill-Ministri konċernati u stieden lil dawn ir-residenti jwasslu l-veduti tagħhom huma wkoll minn naħħa tagħhom. Dawn ir-resdienti qalu li diġa' talbu laqgħa mal-Minsitru tal-Edukazzjoni. Huma rringrazjaw lill-Kunsill talli laqagħhom waqt din il-laqgħa.

Sadanittant tressqet korripsindenza li ntbgħatet mill-presidenti tat-tlett klabbs tal-futbol Rabtin rigward din il-materja. Barra li huma kontra li dan is-sit jittieħed sabiex tinbena skola primarja huma wkoll għarrfu lill-Kunsill li ilhom bosta snin jitolbu lill-Gvern Ċentrali sabiex dan is-sit jingħatalhom permezz tad-devoluzzjoni, pero' din it-talba qatt ma ġiet milqugħa.

## 3. Mozzjonijiet f'isem il-membri

Mozzjoni Numru 13 tressqet mill-kunsilliera Portelli u ssekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni Numru 13**

**Nixtieq inressaq mozzjoni fuq l-istat ta' Triq Sant Marija, mgħarufa bħala żona tal-Mandraġġ. Ir-residenti jixtiequ li din il-parti l-qadima tal-Belt Victoria mimlija toroq dojoq u sqaqien li ma jinfdux, tiġi preservata.**

**Qed jitlobu li titranġa t-triq biex takkomoda lilhom ir-residenti, lit-turisti li jitpaxxew bil-karatteristiċi tagħha u anke' minħabba l-fatt li hija triq prinċipali li minnha jgħaddu l-purċissjonijiet ewlenin tal-parroċċi tagħna.**

**Nittama li llkoll nilħqu ftehim u pjan ta' kif nistgħu nikkonttibwixxu bħala Kunsill.**

Il-membri qablu li ix-xogħol isir meta l-Kunsill ikollu l-fondi biex iwettaq dan il-proġett.

Mozzjoni Numru 14 ġiet imressqa mill-kunsillier Briffa.

*Mozzjoni Numru 14*

*Nitlob għad-diskussjoni:-*

*Il-Kunsill għandu jikkunsidra li jekk is-Soċjetajiet tal-Baned Rabtin u għaqdiet oħra, jonqsu milli jistiednu xi kunsillier partikolari għall-attivitajiet organiżżati minnhom, dan għandu jitqies bhala diżrispett lejn l-istess Kunsill u l-elettorat li eleġġihom.*

*Għaldaqstant il-membri tal-Kunsill għandhom jikkunsidraw li jekk ma jintbagħtux inviti lill-kull membru tal-Kunsill, ħadd mill-kunsilliera m'għandu jattendi għall-attivitajiet. Dan bil-konsegwenza li ma jsirux attivitajiet li jinkludu s-servizzi tal-Baned Ċittadini jew attivitajiet oħra relatati.*

Il-kunsillier Briffa spjega li din il-mozzjoni ressaqha peress li tnejn mill-membri tal-kunsill mhux qed jiġu mistiedna għall-attivitajiet li jiġu orgnaiżżati mis-Soċjetajiet tal-Baned Rabtin.

Il-Viċi Sindku qal li peress li hu wieħed minn dawn il-kunsilliera ser jiddisoċja ruħu minn din il-mozzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzzjoni li billi l-kunsillier Buttiġieġ hu skużat, u hu l-membru l-ieħor li mhux qed ikun mistieden, xtaq li tgħaddilu dan il-messaġġ waqt il-laqgħa. Buttiġeiġ talab li din il-mozzjoni tiġi rtirata għax m'għandux interess fiha w mhux qed jagħmel pressjoni sabiex ikun mistieden.

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-mozzjoni tiġi emendata b'mod li l-Kunsill jaqbel li tintbagħat korrispondenza liż-żewġ Soċjetajiet sabiex dawn jistiednu dejjem lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-membri qablu ma dan u mozzjoni nurmu 14 għandha tgħid hekk:

Mozzjoni Numru 14 ġiet imressqa mill-kunsillier Briffa u ssekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni Numru 14**

**Il-Kunsill għandu jikteb liż-żewġ is-Soċjetajiet tal-Baned Rabtin sabiex jikkunsidraw li jistiednu l-membri tal-kunsill kollu għal-attivitajiet kollha organiżżati minnhom.**

Il-membri qablu.

## 4. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015

L-*accountant* John Buttiġieġ ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega l-*Financial Statments* għas-sena 2015. Dawn huma annessi kif approvati f'dokument A.

**5. *Update – Playing Field***

5.1 Tressaq id-disinn tar-*railing* li ser isir mill-Ministeru għal Għawdex fi Triq taħt Putirjal fuq il-*playing field*.

5.2 Tressqet korrispondenza mingħand il-Perit DTR rigward il-varjazzjonijiet fix-xogħolijiet imwettqa minn Patrick u Domenic Refalo li sar fil-proġett *An Oasis of Arts an Leisure in the Heart of Victoria (Playing Field).* Il-Kunsill approva dawn il-varjazzjonijiet skont id-dikjarazzjoni tal-Periti DTR. Dan skont dokument B anness.

**6. Jum il-Belt Victoria**

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-aħħar kunċert tal-Orkestra Filarrmonika Nazzjonali jsir is-Sibt 10 ta' Ġunju 2017. Il-Kunsill ikun qed jiċċelebra l-130 sena minn meta r-Rabat ingħata t-titlu ta' Belt. Il-membri qablu.

**7. Approvazzjoni tal-kontijiet**

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Frar u Marzu 2016 kif annessi f'dokumenti Ċ u D. Il-membri qablu li Galea Curmi Eng. Consultants Ltd. għandhom jispjegaw eżatt kif isiru ċ-ċertifikazzjonijiet tal-bozzoz li jkun tranġaw minn Richard Cauchi (l-kuntrattur tat-tiswija tal-bozzoz tat-toroq).

**8. Immanigjar tat-traffiku – Korrispondenza**

Il-membri qablu li jintalab permess lill-Transport Malta (TM) għall-*un/loading* quddiem il-ħanut 'Kwiksave' fi Triq Ninu Cremona;

**9. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

9.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn bagħat Memo 6/2016 li tirrigwardja l-ħinijiet ta' ġbir ta' skart waqt il-ħinijiet tat-trasport tat-tfal tal-iskola jew il-ħinijiet ta' meta jkun hemm għadd kbir ta' nies deħlin u ħerġin għax-xogħol;

9.2 il-*Monitoring Office* fi ħdan id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mistoqsi dwar il-pjan li għandu għall-kisi ta' toroq għat-tlett snin li ġejjin. Billi l-Kunsill qed jaħdem taħt *negative working capital* u fil-preżent qed jirrisana l-fondi tiegħu, m'għandux ħsieb li jagħmel kisi ta' toroq f'dawn it-tlett snin li ġejjin;

9.3 Mario Azzopardi, *Chairman* tal-Bord ta' Evalwazzjoni u Proġetti Kapitali tal-kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sottomissjoni tiegħu ta' *modular car park* fuq żewġ livelli fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* ma ġietx aċċettata.

9.4 il-Perit Mario Cordina rigward il-varjazzjonijiet fix-xogħolijiet imwettqa minn Road Construction Ltd. li sar fil-proġett *EAFRDM 313 – Extending Victoria's Heritage Trial, Paving of Pjazza San Ġorġ.* Il-Kunsill approva dawn il-varjazzjonijiet skont id-dikjarazzjoni tal-Perit Cordina.

9.5 Dr Joseph Bezzina, *Chairperson* għal Kumitat għal Ismiijet tat-Torq fejn għarraf lill-Kunsill li dan il-kumitat iddeċieda li fil-plakka ta' isem Triq il-Kastell tiddaħħal il-kelma - Il-Ħaġġariija, biex dan l-isem toponomastiku ma jintilifx. Il-membri qablu li r-residenti għandhom jiġu nfuramti b'din id-deċiżjoni;

9.6 il-Vicotria Scout Group li din is-sena jagħlqu 100 sena mit-twaqqif tagħhom. Għal din l-okkażjoni dan il-grupp qed jitlob li tissemma triq għall-iscouts. Dan is-suġġeriment għandu jiġi mgħoddi lill-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex;

9.7 il-Korporazzjoni għas-Serviziz tal-Ilma rigward konsum fil-latrina ta' Triq taħt Purijal. Il-membri qablu li l-Korporazzjoni tal-ilma għandha tiġi nfurmata li l-latrini mhumiex devoluti lill-Kunsilli u s-sid hu l-Gvern Ċentrali;

9.8 Thomas Xerri li jieħu ħsieb iż-żbir u l-bexx tal-palm. Billi kien ingħata dan ix-xogħol wara li nħarġet talba għall-istejjem hu staqsa rigward ix-xogħol li ma sarx minnu fuq il-palm fil-H.E. taċ-Ċawla. Il-Kunsill għandu jinfurmah li dan ix-xogħol sar minn naħħa tat-Taqsima tal-Agrikulutra fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex mingħajr ħlas u l-Kunsill provda l-materjal għall-bexx ta' dawn is-siġar;

9.9 George Mercieca għan-nom tal-Fondazzjoni Santa Ċeċilja fejn wera l-interess tiegħu sabiex din il-fondazzjoni tipparteċipa fl-inawgurazzjoni tal-proġett taċ-Ċittadella. Is-Sur Mercieca għandu jiġi nfurmat li dan il-proġett qed isir minn naħħa tal-Minsiteru għal Għawdex;

9.10 Saviour Cordina rigward ilment fuq ċitazzjoni. Din il-korrispindenza għandha tintbgħat lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun t'Għawdex.

**10. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

10.1 billi l-pannelli li kellhom isiru fuq il-bejt tal-Banca Giuratale kienu ta' 250W u dawn m'għadx jiġu manifatturati, għandhom isiru ta' 300W b'żieda fil-prezz ta' madwar €500. Barra minn hekk ser isiru pilasti tal-i*stainless steel* minnflok kantuni;

10.2 s-sistema tal-*online streaming* għandha ssir *wireless* sabiex ma jkun hemmx *wires* fuq barra. Dan ser jiġi jiswa madwar €390;

10.3 jitpoġġa bank milli kien hemm fi Pjazza Indipendenza fi Triq il-Madonna tal-Karmnu;

10.4 l-*wifi* ta' Pjazza San Ġorġ jiġi amplifikat għall-mużew Il-Ħaġar u għall-Bażilika ta' San Ġorġ. Għandha tintalab stima lill-kuntrattur (Ozone Ltd.) li għamel ix-xogħol relatat mal-*wifi* tal-proġett tal-ERDF;

10.5 l-Kunsill jipparteċipa fil-'Festial des Lyceens et Apptrentis – European Orchestra – Egion Aquitane' permezz tal-vjolinista żgħażugħa Kathryn Mizzi;

10.6 ssir talba għall-bozza ġdida fi Triq Ninu Cremona fil-parti ta' fuq qrib il-kantuniera ma Triq Ġuże Labre';

10.7 ssir talba għall-bozza ġdida qrib 'Diamond', Triq is-7 ta' Ġunju;

10.8 ssir talba għall-bozza ġdida ma 'Santa Martha' fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace;

10.9 jiġu ordnati l-bozzoz ġodda LED sabiex isiru fi Triq Giuseppe Giardini Vella (€250), 34, Triq il-Kapuċċini (€290) u qrib il-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone (€290). Il-prezzijiet huma skont l-istima tal-kuntrattur li ssupplixxa l-bozzoz il-ġodda li huma LED.

10.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ser jinħarġu dawn l-offerti għall:-

- *Call for NGOs intrested in constructing an NGO building and upgrading area at Dr. Anton Tabone Street*;
- Ġbir ta' skart goff,
- *Supply and installation of Bollards at Independence Square* u
- *Manufacture and installation of galvanized wrought iron railings and perimeter fence at Victoria Playing Field.*

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzoaprdi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |